**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 t' Awwissu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Bojan Ivanovikj**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet - kif korretti b'digriet tad-29 ta' Marzu 2023 - migjuba kontra:

Bojan Ivanovikj ta' 32 sena, iben Srba Ivanovikj u Suncica imwieled gewwa l-Macedonia, nhar is-6 t' April 1990 residenti gewwa Lincoln Court Flat 6 Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0317779A

Akkuzat talli nhar il-15 ta' Jannar 2023, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkaguna lis-siehba tieghu u cioe Roberta Myler, fastidju ghal iktar minn darba u gab ruhu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju ghas-siehba tieghu Michelle Ryle [sic].

2. Uza vjolenza inkluz vjolenza morali u jew psikologika u jew sfurzar sabiex igieghel taghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew izola jew illimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg ghad-detriment tas-siehba tieghu u cioe Roberta Myler.

3. Ikkaguna lis-siehba tieghu u cioe Roberta Myler biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha.

4. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lis-siehba tieghu Roberta Myler.

5. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingujra b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni

6. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ingurja u/jew hedded lis-siehba tieghu Roberta Myler bi kliem.

U iktar talli matul ix-xhar ta' Dicembru 2022 gewwa Lincoln Court, Flat 6 Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar

7. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe mobile phone tal-ghamla Apple iPhone 13, propjeta tas-siehba tieghu Roberta Myler u liema hsara tammonta ghal elf u tmenin Euro (€1080)

U iktar talli fil-15 ta' Jannar 2023 bejn il-hinijiet ta' 11:15am u s-7:00am gewwa Triq Luigi Preziosi Bugibba, San Pawl il-Bahar

8. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe vettura tal-ghamla Mazda Demio ta' lewn ahmar b'numru ta' registrazzjoni

DCJ424, propjeta tas-siehba tieghu Roberta Myler, u liema hsara tammonta ghal sitt elef, tlett mija u sebghin Euro (€6370)

U iktar talli fil-lejl ta' bejn l-14 ta' Jannar 2023 u l-15 ta' Jannar 2023, bejn il-hinjiet ta' 16:30hrs u 1:00hrs barra l-istabbiliment "Gourmet Bar & Grill" gewwa Triq il-Hgejjeg Bugibba, San Pawl il-Bahar

9. Ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

10. Volontarjamnet kiser il-paci pubblika u/jew il-bon-ordni b'ghajjat u/jew glied.

11. F'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien fis-sakra b'mod li ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu innifsu.

12. Bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hsieb xehet ilma, jew hwejjeg ohra mahlula jew hmigijiet fuq is-siehba tieghu Roberta Myler.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Bojan Ivanovikj a beneficcju ta' Roberta Myler u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija biex tipprovdi ghall-persuna ta' Roberta Myler u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat torbot lil Bojan Ivanovikj b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta'somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li thoss xieraq

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Bojan Ivanovikj sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja u li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat in-nota ta'sottomissjonijiet mill-Kummissarju tal-Pulizija, u rat li d-difiza naqset li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet risponsiva fit-terminu lilha preskritt.

**Il-Fatti**

5. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma in succint is-segwenti:

    1. Fil-15 ta' Jannar 2023, Roberta Myler ghamlet rapport lit-Taqsima tal-Vjolenza Domestika tal-Pulizija li hi u l-imputat kienet ilhom f'relazzjoni ghal madwar sena, izda minn Awwissu tas-sena 2022, l-attitudni tal-imputat kienet inbiddlet ghax kien qed jissuspetta li hi kellha relazzjoni intima ma' rgiel ohra, u kien jinfexx jghajjarha u jheddidha, anke bil-mewt, u dan anke permezz ta' messaggi fuq il-mobile taghha.

    2. F'incident minnhom li sehh f'Dicembru 2022, kellhom argument iehor ghax l-imputat kien qed jissuspetta hazin fiha, fir-residenza tieghu, fejn l-imputat xejrilha daqqa ta' sieq fuq wara ta' koxxitha x-xellugija. Pero l-parti offiza ma ghamlitx certifikat mediku dwar dawn l-incident.

    3. F'incident iehor li sehh ukoll f'Dicembru 2022, waqt argument iehor bejniethom fuq l-istess suggett, l-imputat qabad lill-parti offiza minn xagharha u waqqaghha mal-art, u beda jaghtiha bis-sieq. Huwa qabad ukoll il-mobile taghha, iPhone 13, li kellha fil-basket taghha, u sabtu mal-art, u nkiser. Dan il-mobile spicca *beyond economical repair*.

    4. L-imputat kien il-hin kollu jaghmel kuntatt maghha fuq il-mobile biex ikun jaf fejn qieghda, x'qed taghmel u fuq kollox ma' min qieghda.

5. Fl-14 ta' Jannar 2023, il-parti offiza kienet infurmat lill-imputat li kienet se tmur tiehu lunch flimkien ma' habiba taghha. L-imputat ma emminiex, u ghalhekk tatu l-isem tar-restaurant fejn kienet sejra, li kien vicin hafna r-residenza tieghu li tinsab San Pawl il-Bahar. Hu ried jigi jiltaqa' maghhom, izda l-parti offiza ma xtaqietx. Matul il-lunch, hu beda kontinwament jibghatilha messaggi biex turih x'kienet qed taghmel permezz ta' ritratti u videocalls. Eventwalment mar jiltaqa' maghhom flimkien ma' ommu.

6. Xi l-4.30pm, il-habiba taghha u omm l-imputat telqu, u l-imputat u l-parti offiza baqghu fir-restaurant, fejn l-imputat beda jixrob, u meta jixrob l-imputat isir aggressiv. Huwa beda jghajjat u jitla' fuq is-siggu, u jinstiga ghall-glied. Huwa beda wkoll jallega li l-parti offiza marret f'dak ir-restaurant partikolari minhabba waiter partikulari li kien jahdem hemm. Hu beda jghajjarha u jheddidha. Ghalkemm, hija riedet tilaq mill-post, hija bezghet taghmel dan, ghax beda jheddidha, u anke bezqilha f'wiccha.

7. Dawn l-insulti u theddid li dam ghaddej sieghat ikkagunaw biza u agitazzjoni kbira fil-parti offiza, tant li minflok marret lura d-dar bil-vettura taghha li kienet ipparkjata ftit metri il-boghod mir-restaurant, hija ghazlet li tibbukkja taxi, bil-mohbi tal-imputat, u titlaq biha.

8. Meta l-ghada fil-ghodu marret biex iggib il-vettura taghha, tal-ghamla Mazda Demio bin-numru ta' registrazzjoni DCG 424, hija sabitha bi hsarat estensivi fosthom il-hgieg ta' quddiem tal-passiggier u tax-xufier totalment imkissra, b'zewgt iknaten li kienu fuq is-seat tal-passiggier u tax-xufier, il-pumijiet tal-bibien u l-mirja mqaccta, u diversi daqqiet mal-vettura kollha. L-oggetti personali tal-parti offiza li kienu fil-vettura ma gewx misruqa.

9. Meta dak in-nhar fil-ghodu stess, l-imputat cempel lil parti offiza, u hija staqsietu ghalfejn kien ghamililha dik il-hsara, u huwa wegibha li dan kien ghamlu ghax hija kienet telqet mir-restaurant il-lejl ta' qabel, pero qalilha wkoll il-kliem *"ok, I will fix it"*, b'riferenza ghal vettura. Il-parti offiza irrekordjat din it-telefonata.

10. Wara dan ir-rapport, l-imputat gie arrestat u ittiehdu dawn il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

*Kwistjoni Preliminari – Zball fic-Citazzjoni*

6. Il-Qorti qed tissolleva *ex officio* il-fatt li fl-ewwel imputazzjoni fic-citazzjoni hemm zball ovvju ghaliex huwa gie mixli li *"ikkaguna lis-siehba tieghu u cioe Roberta Myler, fastidju ghal iktar minn darba u gab ruhu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju ghas-siehba tieghu Michelle Ryle".* Huwa ovvju li l-isem *"Michelle Ryle"* tnizzel konsegwenza ta' *lapsus calami* u li l-isem korrett kellu jkun *"Roberta Myler"*

7. Rigward dawn l-allegati difetti fic-citazzjoni u l-effett taghhom, il-Qorti sejra tikkwota partijiet sostanzjali mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali[1] tat-18 ta' Marzu 1955 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Spiru Spiteri**[2], li kienet tittratta talba ghal korrezzjoni fid-data tal-incident indikata fic-citazzjoni. Dan ghaliex l-insenjament taghha gie segwiet mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi sentenzi sussegwenti. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:

*"Issa ic-citazzjoni fil-gudizzji sommarji, kif jirrizulta mill-gurisprudenza lokali in propozitu, giet introdotta fis-sistema kriminali patriju mis-sistema kriminali ingliz (ara deciz. Preliminari "Pulizija vs. Bartoli", App. Krim. 8.1.1938, deciz definittivament fl-4 ta' Gunju 1938); u ghalhekk il-Qrati ta' Malta segwew il-principji tad-Dritt Ingliz dwar din il-materja, senjatament il-principju bazilari, hekk espress, aktar minn sebghin sena ilu, fil-kawza "Terreni vs. Gabaretta", 17 ta' Gunju 1880, Appell Kriminali, sedenti l-President Sir Antonio Micallef:- "Che e di regola, anche nella Corte dei Magistrati della Polizia Giudiziaria come Corte di Criminale Giudicatura, che non e indispensabilemente necessario attenersi strettamente e precisamente ai termini della originaria citazione, quando anche il procedimento fosse per parte della Polizia, e che la Corte possa benissimo decidere in ogni caso pel diritto risultato dalle prove e dietro alla stessa*

[1] *Per* Imhallef William Harding
[2] Vol. XXXIX-IV-986

*avanzata citazione; beninteso che si debba accordare, qualora si domandi, o quando la Corte stessa lo crede necessario, un breve termine per poter il citato difendersi su di un tale risultato diritto";*

*Dan il-principju ma gie bl-ebda mod alterat meta saret l-emenda fil-ligi dwar dak li ghandu jkun fiha c-citazzjoni (emendi tal-Ordinanza IX tal-1911 ghal dak li llum hu l-art. 372(2) Kap 12 Ediz. Riv.*[3]*). Tant illi fis-sistema ingliza, fejn ic-citazzjoni ghandu jkun fiha l-istess partikularitajiet kif hemm fil-Ligi Maltija (ara Stone's "Justices' Manual", Vol. II, para 77, pag. 2604-2605, Edizzjoni tal-1954), l-istess jinghad li ma hemm ebda nullita minhabba difett fic-citazzjoni, izda biss dritt ghal differiment fuq talba tal-imputat, jekk bl-izball dan seta' kien "misled" (idem, Vol. I, p. 111-112). L-istess haga qalet din il-Qorti fil-kawza "Polizia vs Ashby", 12 ta' Awissu 1917, b'dawn il-kliem "Le indicazioni ordinate coll'art. 360 delle Leggi Criminali, riferentisi alla citazione, non sono essenziali. La citazione e l'ordine della Polizia Esecutiva all'imputato di comparire in giudizio; essa non e che un modo di presentazione del giudicabile all'autorita giudiziaria, quando non sia indispensabile l'arresto. Tale e lo scopo ed il carattere essenziale della citazione, punto modificato dalla innovazione legislative nella indicazione delle particolarita della incriminazione nell'atto di citazione. Quella indicazione ha solo per oggetto di rendere l'imputato consapevole sin dal momento iniziale del procedimento penale di cioe che egli viene chiamato in giudizio a rispondere, per potersi preparare alla difesa. La citazione non si puo equiparare all'atto di accusa. Quindi le ommissioni di dette particolarita nella citazione non ne producono la nullita, potendo una tale ommissone od altro simile vizio intitolare solamente l'imputato, al bisogno, un rinvio per meglio prepararsi alla difesa."*

*L-istess gie ritenut f'dawn il-kawzi, fost ohrjan, App. Krim. "Pul. vs. Debono" 12 ta' Jannar 1918, "Carabott vs. Galea" 12 ta' Awissu 1918, "Pul vs. Carmelo Mariani" 12.6.1942. Ara wkoll decizjoni recenti ta' din i-Qorti kollegjalment komposta, "Regina vs. Cutajar, 13.12.1954;*

… …

[3] Illum l-Artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Lanqas hu l-kaz li jinghad li bil-korrezzjoni l-imputat seta' kien "deceived" jew "misled", jew b'xi mod pregudikat, ghax id-dettalji dwar ir-reat kontenuti fic-citazzjoni ma setghux ma jurux lill-imputat kontra liema fatt hu kellu jiddefendi ruhu. Infatti, il-bazi tal-inkriminazzjoni kienet jekk kellux jew ma kellux fil-pussess tieghu 214 il-par kalzetti tan-nylon bla dazju, u kambjament tad-data ma setghax jizvijah. Fil-prim'istanza, fejn il-korrezzjoni tac-citazzjoni tista' ssir, il-pregudizzju, ghall-finijiet ta' kwistjonijiet simili, ma ghandux jigi maghmul jikkonsisti filli l-imputat ma jkunx jista' japprofitta ruhu minn zball tal-Prosekuzzjoni, imma filli genwinament, minhabba dak l-izball, hu jkun gie b'xi mod imfixkel fil-mezzi tad-difiza;*

*Lanqas ghandu jintesa li hawn si tratta, mhux ta' difett fis-sens li l-korrezzjoni kellha tikkonsisti f'kambjament tar-reat imputat, imma pjuttost ta' dik li tissejjah "variance" ghax appuntu "variance" hi deskritta fil-gurisprudenza Ingliza bhala "some difference between the allegation and the evidence, and not to a different offence (ara Martin vs. Pridgeon, 1859, 23 J.P. 630. … …"*

8. L-istess insenjament baqa' jigi segwit fiz-zminijiet recenti. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Glenn Debattista**, deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[4] irriteniet hekk:

*"Kif spiss gie ritenut minn din il-Qorti – u kif inhi, del resto, prassi inveterata – ir-rekwizit ta' "il-fatti tal-akkuza", imsemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, ikun sodisfatt jekk il-prosekuzzjoni tuza il-kliem testwali tad-disposizzjoni tal-ligi li tohloq ir-reat li jkun qed jigi ipotizzat bl-imputazzjoni. Huwa veru li l-prosekuzzjoni setghet, ghal aktar kjarezza, tghid fl-imputazzjoni li l-att awtentiku u pubbliku in dizamina kien licenzja ta' vettura (il-kelma "licenzja" tissemma biss fit-tieni imputazzjoni); pero` tali karenza ma ggibx in-"nullita`" tal-akkuza – sia jekk tal-akkuza (jew, ahjar, imputazzjoni) per se u sia jekk tac-citazzjoni. Kif ukoll gie ritenut diversi drabi, minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX tal-1911, ic-citazzjoni baqghet xorta wahda semplici "avviso a comparire" u mhux il-bazi tal-imputazzjoni; l-imputazzjoni tigi formalment maghmula fl-istadju kontemplat fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (i) tal-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghal proceduri ex officio bil-paragrafu*

[4] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano

*(c) tal-Artikolu 375 (u fil-kaz tal-Qorti Istruttorja, meta r-rapport jigi konfermat bil-gurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'posizzjoni li jkun jista jiddefendi ruhhu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawzi sommarji huwa jressaq il-kaz u l-provi tieghu fl-istess gurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tinghata wkoll f'dik il-gurnata (Art. 377(1)). Ghalhekk, jekk "il-fatti tal-akkuza" ikunu gew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jigi verament akkuzat, sia ghal dawk li huma fatti u sia ghal dik li hija ligi, huwa jista' jew igib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar cara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun ghalqet il-kaz taghha – u allura l-imputat ikun certament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jigu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu. Mid-diversi verbali registrati quddiem il-Qorti Inferjuri imkien ma hemm l-icken indikazzjoni li l-appellant, allura imputat, ma kienx jaf, jew ma setax ikun jaf wara d-deposizzjoni tax-xhieda principali WPS Marisa Bartolo u l-Ispettur Stephen Mallia, x'kienu l-fatti li kienu qed jigu imputati fil-konfront tieghu. Ghalhekk ukoll b'ebda mod ma jista' jinghad li l-appellant gie pregudikat fid-difiza tieghu."* (ara fl-istess sens is-sentenzi **Il-Pulizija vs Emmanuel Buttigieg** deciza fl-4 ta' Novembru 1994 u **Il-Pulizija vs Leone Agius** deciza fit-23 ta' Gunju, decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri))

8. Inoltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rita Farrugia** deciza fil-31 Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] irriteniet hekk:

*"Issa huwa minnu wkoll li fil-kaz prezenti hu veru li fic-citazzjoni ma hemmx indikat iz-zmien li fih sar l-allegat reat mill-appellanti w lanqas ma hemm xi indikazzjoni taz-zmien meta dan l-allegat reat kontinwat gie skopert u mwaqqaf. Hi l-fehma tal-Qorti li f'dan il-kaz, l-eccezzjoni li qed tissolleva l-appellanti kellha taghmilha 'in limine litis' quddiem l-ewwel Qorti, dan ghaliex mill-atti ma jirrizultax li din il-kwistjoni qatt tqajjmet mill-appellanti quddiem dik il-Qorti fl-istadji kollha ta' dawn il-proceduri kemm damu quddiemha. Dan ifisser li l-appellanti ma tistax issa tigi tqajjem ghall-ewwel darba din il-kwistjoni quddiem din il-Qorti bhala wahda mill-aggravji taghha kontra s-sentenza tal-ewwel Qorti. Hi kellha tqajjem din l-eccezzjoni quddiem l-ewwel Qorti appena inqratilha l-akkuza w dik il-Qorti kienet taghti l-provvediment taghha relattiv. … …*

[5] *Per* Imhallef Patrick Vella.

*Barra minn hekk, imkien ma jirrizulta mill-atti li l-appellanti ma setghetx tiddefendi ruhha kontra l-akkuza migjuba kontriha minhabba n-nuqqas tar-rekwizit tad-data fic-citazzjoni. Jirrizulta car mill-provi li anke mill-ewwel seduta quddiem l-ewwel Qorti kien gie maghruf liema kien iz-zmien jew data in kwistjoni w li kienet qed tirreferi ghalih l-akkuza, u, fil-fatt, l-appellanti, ghalhekk ikkontestat l-akkuza w anke gabet il-provi relattivi taghha li jirreferu ghal dan iz-zmien jew data rizultanti mill-provi."*

9. L-istess jista' jinghad ghal kaz odjern. Huwa ovvju li anke mill-ewwel seduta, l-imputat, debitament assistit mill-avukat difensur tieghu, kien ben konsapevoli tal-ewwel imputazzjoni li kien qed jigi mixli biha. In fatti, l-imputat ikkontesta din l-imputazzjoni, u waqt l-ezami wiegeb li ma kienx hati. Fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma giet sollevata mid-difiza l-kwistjoni li l-imputat ma kienx jaf, jew li ma setghax ikun jaf, totalment jew parzjalment il-fatti li kienu qieghdin jigu imputati lilu fl-ewwel imputazzjoni, jew li b'xi mod id-dritt tieghu li jiddefendi ruhu kien qieghed jigi ippregudikat. Din il-Qorti m'ghandhix l-icken dubbju li wara x-xhieda tax-xhud principali Roberta Myler, hu kien jaf precizament x'kienu l-fatti li kienu qed jigu imputati fil-konfront tieghu fl-ewwel imputazzjoni.

10. Ladarba d-dritt tal-imputat li jiddefendi ruhu ma gie bl-ebda mod pregudikat b'dan l-izball fl-isem fl-ewwel imputazzjoni, la din l-imputazzjoni u wisq inqas ic-citazzjoni ma jistghu jitqiesu bhala invalidi.

*<u>Il-Meritu</u>*

11. F'dawn il-proceduri, Roberta Myler ikkonfermat in sostanza r-rapport li kienet ghamlet lill-Pulizija bil-gurament taghha. Hija tat ukoll iktar dettalji dwar kif l-imputat kien qed ikun ta' fastidju ghalija, jikkagunalha biza' u l-mod ta' kif l-imgieba tieghu kienet wahda ta' kontroll fuqha, minhabba l-ghira tieghu. Huwa kien ikun irid ikun jaf fejn u ma' min qieghda, u jgieghla tibghatlu ritratti u taghmillu video calls, biex jikkonferma li qed tghidlu l-verita. Hija spjegat ukoll li l-imputat kien isir ukoll aggressiv meta jikkonsma l-alkohol jew jaghmel uzu minn sustanzi illeciti.

12. Hija ipprezentat dokumenti in sostenn tax-xhieda taghha fosthom, screenshot meta uzat is-servizz tat-taxi (Dok RM1), ritratt ta' griehi li sofriet f'Dicembru 2022, u d-dokumenti biex jippruvaw il-valur tal-mobile li kisser l-imputat kien ta' €1080 (Dok RM6 u Dok RM7).

13. Il-parti offiza ezebiet ukoll numru ta' screenshots ta' messaggi mibghuta lilha minn Bojan tramite l-mobile tieghu, liema messaggi fihom hafna tghajjir u theddid, anke bil-mewt. Dawn il-messaggi kif ukoll r-recording tat-telefonata li ghamel l-imputat wara li l-parti offiza sabet il-vettura taghha vandalizzata gew ipprezentati bhala hardcopy u fuq pendrive (Dok RM 10 u Dok RM11), rispettivament. Il-Qorti semghet ir-recording tat-telefonata fuq il-pendrive. Ghalkemm il-kwalita tar-recording mhix tajba, meta mistoqsi mill-parti leza ghalfejn kisser il-vettura taghha, hu jinstema' jirrispondi *"because you left from there"* u li *"he will fix it"*. Il-parti offiza ezebiet ukoll screenshot ta' din it-telefonata (Dok RM4).

14. Xehdet ukoll l-Ufficjal Prosekutur u diversi ufficjali tal-Pulizija li ikkorroborraw ix-xhieda tal-parti offiza. Fil-fatt l-Ufficjal Prosekutur xehdet li l-parti offiza kienet qed tibza' taghmel ir-rapport lill-Pulizija. Ufficjal tas-socjeta Epic Communications Limited ikkonfermat in-numri tal-mobile tal-imputat u tal-parti offiza ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sas-16 ta' Jannar 2023.

15. Il-verzjoni tal-fatti tal-parti offiza ma giet bl-ebda mod kontradetta bi provi kuntrarji, hlief ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta' danni kagunati lill-vettura, kif ser jigi spjegat izjed l-isfel. Il-Qorti tqis li x-xhieda ta' Roberta Myler hija wahda veritiera, anke fid-dawl tal-mod u l-komportament taghha waqt ix-xhieda taghha, u l-fatt li x-xhieda taghha hija korroborrata b'diversi dokumenti ezebiti minnha.

16. Rigward l-ammont ta' danni kagunati fil-vettura, fic-citazzjoni, l-imputat gie mixli li dawn id-danni jammontaw ghal €6370. Fix-xhieda taghha Roberta Myler gabet stima ghal parts godda u labour fl-ammont ta' €7,764.82 (Dok RM3). Din l-istima ingabet minghand l-agent tal-vetturi tal-ghamla Mazda Pero mix-xhieda ta' Matthew Micallef, jirrizulta li huwa xtara l-vettura Mazda Demio in kwistjoni bhala *'wreck"* minghand socjeta tal-assigurazzjoni ghall-ammont ta' €2,500. Huwa biddlilha l-parts mkissra b'ohrajn *second hand*, li kien jimporta hu, u wara li sewwielha l-hsarat kollha, bieghha fi stat tajjeb ghall-ammont ta' €6,800. Hu xehed li jikkalkula li l-ispejjez tal-parts, tellar,

xoghol ta' sprayer, twahhil u tindif kien jammonta ghas-somma ta' €3,800. Kif qal l-istess xhud Matthew Micallef, kieku wiehed imur jixtri parts godda, dawn ikun jiswew ferm izjed minn dawk second-hand.

17. L-istima li ipprezentat Roberta Myler hija tal-agent tal-vettura Mazda, u ghalhekk il-Qorti tifhem li l-istima hija ghal parts godda. Tenut kont li d-danneggjat ghandu l-obbligu li jimminizza d-danni, u li mix-xhieda ta' Micallef u ta' Walter Jair Barragan Rodriguez, jirrizulta li bl-uzu ta' parts second hand, il-vettura giet lura xorta f'kundizzjoni tajba hafna, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputat ghandu jinstab hati li ikkaguna danni fl-ammont ta' €3,800, u mhux fl-ammont ta' €6,800, kif mixli fic-citazzjoni.

18. Ghaldaqstant, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova lill'hinn minn kull dubbju l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-imputat, hlief li fir-rigward tal-imputazzjoni numru tmienja (8) l-ammont tal-hsara kagunata hija ta' €3,800, u mhux fl-ammont ta' €6,800.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

19. Ghalkemm il-Prosekuzzjoni b'lealta ipprezentat il-fedina penali tal-imputat, li hija wahda netta, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li l-imputat kienu ilu jghix hawn Malta circa sena u nofs biss qabel ma gie arrestat.

20. Mix-xhieda ta' Nicole Saliba, il-care plan co-ordinator tal-imputat gewwa l-habs, jirrizulta li l-imputat jabbuza mid-droga kokaina, ghalkemm huwa dejjem sahaq maghha li l-uzu tieghu huwa wiehed rikreazzjonali u ikkontrollat. Pjan ta' kura fil-konfront tieghu ma sarx fil-mori ta' dawn il-proceduri, stante li l-awtoritajiet tal-habs ma kienux cert jekk hu hux ser jibqa' jinzamm detenut il-habs jew le, pendenti dawn il-proceduri. Mir-rapporti tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imgieba tal-imputat gewwa l-habs dejjem kienet wahda tajba.

**21.** Pero, din il-Qorti ma tistax tinjora l-gravita u n-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom instab hati l-imputat. Wara li jsiru l-assorbimenti tar-reati u l-pieni skond il-ligi, il-piena minima ghal dawn ir-reati hija ta' tlett (3) snin u erba' (4) xhur prigunerija, u l-piena massima hija ta' tminn (8) snin u seba' (7) xhur prigunerija.

**Konkluzjoni**

22. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikoli 251A(a)(b), 251H(a)(b), 251HA, 202(h)(j), 251(1)(3), 222(1)(a), 202(h)(j), 251B, 251H(a)(b), 251HA, 202(h)(j), 18, 339(1)(e), 339(1)(h), 325(1)(b), 325(1)(a), 338(bb), 338(dd), 338(ff), 339(1)(f) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 49(a)(b) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, b'dan li fir-rigward tal-imputazzjoni numru 8, l-ammont tal-hsara huwa ta' tlett elef u tminn mitt Euro (€3,800) u mhux ta' sitt elef, tlett mija u sebghin Euro (€6370).

(2) Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tikkundanna lill-hati piena ta' erba' (4) snin prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

(3) Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Roberta Myler. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

(4) Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**